**4 ta' Mejju, 1994**

**Imħallfin:-**

**S.T.O.Prof. Guseppe Mifsud Bonniċi LL.D. – President.**
**Onor Joseph D. Camilleri, B.A., LL.D.**
**Onor Joseph A. Filletti B.A., LL.D., A.R.Hist.S**

Joan Spiteri

*versus*

Avukat Dottor Godfrey Gauci Maistre.

## Malleverija

*Rikors ta' appell mhux akkompanjat mill-malleverija huwa għall-kollox inattendibbli, anzi huwa proċeduralment ineżistenti.*

Il-Qorti: –

1. F'din il-kawża, fid-19 ta' Jannar, 1994, l-ewwel Onorabbli Qorti ħalliet il-kawża għas-sentenza għat-8 ta' April 1994, bil-fakoltà lill-konvenut li jippreżenta Nota ta' Osservazzjonijiet sal-20 ta' Frar, 1994, bil-visto tal-kontro-parti;

2. Il-konvenut, fil-21 ta' Jannar, 1994, ippreżenta "rikors ta' appell" kontra dan id-digriet;

3. Irriżulta illi kuntrarjament għal dak li hemm stipulat fl-artikolu 249 (1) u 229 (7), tal-Kap.12, dan l-"appell" ma ġiex

akkumpanjat mill-malleverija neċesarja.

Jgħidu infatti dawn is-subinċisi ta' dawn l-artikoli:

"249 (1) Ebda petizzjoni ta' appell ma tiġi riċevuta li ma tkunx ippreżentata flimkien ma' garanzija għall-ispejjeż tal-kawża;

229 (7) Bla ħsara tad-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu, id-disposizzjonijiet ta' dan il-Kodiċi dwar l-appelli mis-sentenzi, jgħoddu *għall-appelli mid-digrieti interlokutorji;*

4. F'dawn iċ-ċirkostanzi, l-"appell" interpost huwa għal kollox inattendibbli, anzi huwa proċeduralment ineżistenti;

Spejjeż għall-avukat dottor Godfrey Gauci Maistre.